MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2024

Appell Inferjuri Numru 10/2022 LM

**Synthesis Management Services Limited (C 5511)**
*('l-appellanta')*

***vs.***

**Paul Tanti (K.I. numru 301867(M))**
*('l-appellat')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà rikorrenti **Synthesis Management Services Limited (C 5511)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'] mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem 'l-Ewwel Qorti'] mogħtija fil-11 ta' Jannar, 2024, [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata']

fejn iddeċidiet ir-rikors tagħha fil-konfront tal-intimat **Paul Tanti (K.I. numru 301867(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellat'], kif ġej:

> *"...tiċħad it-tielet eċċezzjoni tal-konvenut fir-Risposta tiegħu u tilqa' t-tieni, ir-raba' u s-sitt eċċezzjonijiet biss safejn huma kompatibbli ma' dak hawn deċiż, tqis li l-istqarrijiet impunjati m'humiex diffamatorji għall-fini tal-artikolu 3(4) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama (Kapitolu 579) u konsegwentement, tiċħad it-talba ta' SYNTHESIS MANAGEMENT SERVICES LIMITED, bl-ispejjeż jitħallsu mill-istess soċjetà attriċi."*

**Fatti**

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw allegazzjonijiet dwar l-operat tas-soċjetà appellanta, magħmula mill-appellat waqt laqgħa tal-Kunsill Lokali tar-Rabat tas-27 ta' Ottubru, 2021, liema allegazzjonijiet is-soċjetà appellanta qieset bħala malafamanti fil-konfront tagħha.

**Mertu**

3. Is-soċjetà appellanta għalhekk istitwiet proċeduri quddiem l-ewwel Qorti permezz tal-preżentata ta' Avviż fl-14 ta' Jannar, 2022, fejn ħarrket lill-appellat sabiex jgħid għaliex m'għandux jiġi kkundannat minn dik il-Qorti sabiex:

> *"...prevja li ... tiddeċiedi u tiddikjara li l-allegazzjonijiet dwar nuqqasijiet tal-operat tas-soċjetà esponenti magħmula mill-intimat waqt laqgħa tal-Kunsill Lokali tar-Rabat fis-27 ta' Ottubru, 2021, waqt li kienet qed tiġi diskussa t-terminazzjoni tal-kuntratt "Tender RLC/T0160/17 For the Provision of a Contracts Manager", kienu malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti, tant li kienu jikkontjenu allegazzjonijiet u insinwazzjonijiet inveritjieri, foloz u kellhom bħala skop li jiġġustifikaw u jikkonvinċu lill-Kunsill Lokali tar-Rabat biex jissanzjoni d-deċiżjoni għat-terminazzjoni tal-kuntratt imsemmi, inaqqsu r-reputazzjoni, il-ġieħ u l-kredibilità tas-socjetà esponenti u jesponuha għall-allegazzjoni minnu magħmula fil-konfront tal-esponenti u sabiex iħallas lis-soċjetà*

*esponenti dik is-somma li tiġi likwidata u ffissata minn din l-istess Onorabbli Qorti bħala danni b'applikazzjoni tal-Att dwar il-Midja u l-Malfama, Kap. 579 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Bl-ispejjeż, inkluż tal-protest numru 481/2021 datat 14 ta' Diċembru 2021 fl-ismijiet 'Carabott Raphael noe vs Tanti Paul' u bl-imgħaxijiet legali, kontra l-intimat.*

*Inti inġunt minn issa sabiex tidher għas-subizzjoni."*

4. L-appellat eċċepixxa s-segwenti:

*"1. Qabel xejn, l-esponenti jindika illi l-kontenut tar-rikors odjern, kif ukoll dak tal-protest numru 481/2021 fl-ismijiet 'Raphael Carabott għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Synthesis Management Services Limited (C 55191) v Paul Tanti Et huwa inveritier għal kollox.*

*2. L-intimat Paul Tanti ma għamel l-ebda allegazzjonijiet foloz, inveritieri u inganni fil-konfront tar-rikorrenti.*

*3. L-esponenti anqas ma għamel ebda stqarrijiet diffamatorji fil-konfront tar-rikorrenti fil-midja miktuba u għalhekk ma jeżisti xejn li jista' ikunu meqjusa bħala stqarrija ppubblikata u li tikkostitwixxi libell ai termini tal-Kap 579 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk qatt ma setgħet tinħoloq azzjoni ta' libell kontra l-esponenti.*

*4. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-lanjanzi illi għandha r-rikorrenti fir-rigward tal-kuntratt illi kellha mal-Kunsill Lokali tar-Rabat għandhom jiġu indirizzati lill-persuni konċernati, ossia r-rappreżentanti tal-istess Kunsill, u ċertament mhux lill-esponenti u dan billi ma kienx l-esponenti illi ħa xi deċiżjoni fir-rigward tar-rikorrenti.*

*5. In oltre, kwalunkwe kliem li ntqal mill-esponenti waqt laqgħa tal-kunsill kien dak li juri l-opinjoni tal-esponenti u kull persuna onesta setgħet ikollha l-istess opinjoni tal-esponenti abbażi tal-kwalunkwe fatt li setgħa jkollha quddiema persuna onesta dakinhar tal-laqgħa il-kunsill.*

*6. Fl-aħħar lok jingħad illi it-talba tar-rikorrenti hija mill-bqija infondata mil-fatt u fid-dritt u fi kwalunkwe każ, kienu x'kienu r-raġunijiet għat-terminazzjoni tal-kuntratt u/jew in-nuqqasijiet o meno tar-rikorrenti, dan ma kienx riżultat ta' allegazzjonijiet foloz, inveritieri u inganni fil-konfront mill-intimat fil-konfront tar-rikorrenti.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-kontro protest nru 51/2022 fl-ismijiet Carabott Raphael Noe et vs Tanti Paul kontra r-rikorrenti."*

## Is-Sentenza Appellata

5. L-Ewwel Qorti waslet għas-sentenza appellata billi kkunsidrat is-segwenti:

*"Ikkunsidrat;*

*Din hija azzjoni għal malafama taħt l-Att dwar il-Midja u l-Malafama.*

*Is-soċjetà attriċi tidentifika l-malafama fl-allegazzjonijiet li saru mill-konvenut waqt il-laqgħa pubblika tal-Kunsill Lokali tar-Rabat fis-27 ta' Ottubru 2021, waqt li kienet qed tiġi diskussa t-terminazzjoni tal-kuntratt "*Tender RLC/T0160/17 for the Provision of a Contracts Manager". *Is-soċjetà attriċi tasserixxi li l-allegazzjonijiet li saru mill-konvenut waqt il-laqgħa tal-Kunsill Lokali tar-Rabat fis-27 ta' Ottubru 2023 huma foloz u jikkostitwixxu malafama, u kienu intiżi biex jikkonvinċu lill-Kunsill Lokali biex jissanzjona d-deċiżjoni għat-terminazzjoni tal-imsemmi kuntratt (fn. 1 Is-soċjetà attriċi naqset milli tidentifika l-kliem preċiż li ntqal mill-konvenut u li qed jiġi impunjat mis-soċjetà attriċi, iżda dan jirriżulta mill-provi, senjatament mix-xhieda ta' Rudolph Grima u Injazju Cassar).*

*Billi s-soċjetà attriċi tikkontendi li l-malafama tikkonsisti fl-allegazzjonijiet li saru mill-konvenut bil-fomm matul l-imsemmija laqgħa, dan ifisser li l-azzjoni hi waħda għal malafama b'inġurja. Malafama mbagħad, tfisser il-komunikazzjoni ta' kliem li jagħmlu ħsara serja lir-reputazzjoni ta' persuna u tinkludi l-libell u l-inġurja (fn. 2 Artikolu 2, Kap. 579). Diversament minn libell, li huwa malafama permezz ta' pubblikazzjoni fil-midja miktuba, l-inġurja hi malafama li tkun saret bi stqarrija li tkun intqalet b'malizzja bil-fomm, magħrufa wkoll bħala* slander.

*Minn dan jikkonsegwi illi f'azzjoni għal malafama b'inġurja, jinkombi fuq l-attur li jressaq prova li tissodisfa lill-Qorti illi* ***l-kliem allegatament inġurjuż mhux biss ikkaġuna jew huwa kapaċi jikkaġuna ħsara serja lir-reputazzjoni tiegħu, iżda wkoll li dan il-kliem intqal b'malizzja****. Dawn iż-żewġ kriterji jenħtieġu jiġu ppruvati kumulattivament.*

*Ikkunsidrat;*

*L-ewwel talba tas-soċjetà attriċi fir-Rikors promotur hi għall-kundanna tal-konvenut biex "*b'mod formali jirtira kull allegazzjoni minnu magħmul fil-konfront tagħha*". Dan m'huwiex wieħed mir-rimedji provduti mill-Att dwar il-Midja u l-Malafama ('l-Att') għal pubblikazzjoni diffamatorja. L-iskop tal-azzjoni tal-malafama hu li jipprovdi rimedju f'danni lill-persuna aggravata għall-ħsara li tkun ġiet ikkaġunata lir-reputazzjoni tagħha b'riżultat tal-pubblikazzjoni diffamatorja, u l-azzjoni m'hijiex intiża biex jiġu rtirati stqarrijiet li huma foloz jew mhux fattwalment korretti. Rimedju bħal dan imur lil hinn mill-għan tal-azzjoni għal malafama (fn. 3 anke fil-każ fejn l-unika difiża hija l-verità, deċiżjoni favur il-persuna aggravata ma jfissirx li l-istqarrija impunjata tkun ġiet dikjarata li hija falza, iżda tammonta għal dikjarazzjoni li l-konvenut ma rnexxilux jipprova li l-istqarrija hija l-verità.).*

*Fil-fatt, l-uniku stħarriġ li għandu jsir mill-Qorti f'azzjoni bħal din, huwa maħsub għad-determinazzjoni dwar jekk l-istqarrija impunjata fihiex imputazzjoni diffamatorja li kkaġunat jew fihiex il-propensità li tikkawża ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata (fn. 4 U f'każ ta' inġurja, jekk l-istqarrija saritx b'malizzja), u fl-affermattiv il-likwidazzjoni tad-danni, iżda xejn iktar minn hekk. M'huwiex apert lill-persuna aggravata titlob rimedji oħrajn apparti l-ħlas ta' danni, li m'humiex maħsuba espressament mil-liġi bħala rimedju f'azzjoni għal malafama. Dan qed jingħad ukoll għaliex l-azzjoni odjerna m'hijiex waħda mibdija taħt u għall-finijiet tal-artikolu 15 tal-Kap. 579, ċioé dritt għar-risposta, u ma saret ebda referenza għad-dispożizzjonijiet tal-imsemmi artikolu 15 tal-Att fir-Rikors.*

*Għaldaqstant, il-Qorti fil-parametri ta' din l-azzjoni kif imfassla, ma tista' qatt tikkunsidra favorevolment it-talba fir-Rikors promotur għal ordni li l-istqarrijiet allegatament inġurjuż, jiġu irtirati, u sejra tiċħadha.*

*Ikkunsidrat;*

*Mill-fatti li joħorġu mill-atti u mill-provi jirriżulta illi s-soċjetà attriċi kienet ingħatat b'tender mill-Kunsill Lokali tar-Rabat, b'effett mill-1 ta' Frar 2018 sal-31 ta' Jannar 2022, kuntratt għall-proviżjoni ta' servizzi ta'* contracts management. *F'dan ir-rwol is-soċjetà attriċi kienet tissorvelja u timmaniġġja għan-nom tal-Kunsill Lokali tar-Rabat, l-għoti ta' diversi servizzi lill-istess Kunsill, fosthom servizzi ta'* handyman*, ġbir ta' skart u knis tat-toroq, u tirrapporta lill-Kunsill. Il-kuntratt għall-knis tat-toroq kien ingħata lil Waste Collection Limited, filwaqt li l-konvenut Paul Tanti huwa l-*foreman *li jieħu ħsieb is-servizz tal-knis, impjegat mal-kuntrattur tal-knis.*

***Raphael Carabott, id-direttur tas-soċjetà attriċi****, xehed illi sa Mejju tas-sena 2021 ma kienx hemm problemi iżda minn dak iż-żmien 'il quddiem, beda jara l-attitudni tal-Kunsill fil-konfront tiegħu jiddeterjora u beda jħoss li kien ċertu animosità. Sar jaf illi*

*l-konvenut beda jagħmel allegazzjonijiet inveritieri fil-konfront tiegħu mal-kenniesa u mas-Sindku, fosthom li huwa beda jkeċċi lill-kenniesa, jaqbad magħhom u jnaqqas il-paga tagħhom. Għalkemm kien wissa lill-konvenut biex ma jibqax ixerred dawn l-allegazzjonijiet foloz, dan għalxejn u f'Lulju 2021 beda jirċievi telefonati mill-kenniesa fejn bdew isaqsuh għall-flus meta hu ma kellux x'jaqsam mal-paga tagħhom għaliex huma kienu impjegati tal-kuntrattur Waste Collection Limited. Kien hemm inċident f'Awwissu 2021 meta l-imsemmi kuntrattur iddeċieda li jittrasferixxi wieħed mill-kenniesa lill-Kunsill Lokali tal-Imsida, fejn is-soċjetà attriċi wkoll kienet tippresta servizzi ta'* contract management *u l-konvenut beda jeħodha kontrih u jwaħħal fih li ħadlu l-kennies u bagħtu f'Kunsill ieħor.*

*Xehed ukoll illi l-qofol ta' dan kollu seħħ fil-laqgħa tal-Kunsill Lokali fis-27 ta' Ottubru 2021. Ftit ġranet qabel, huwa kien irċieva messaġġ mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill, Anthony Bonello, fejn qallu li l-kuntratt tal-*contracts management *kien ser jiġi terminat. Is-Segretarju ma riedx jikkomunika miegħu meta xi tliet ijiem qabel il-laqgħa, kien mar il-Kunsill għal spjegazzjoni iżda meta kien hemmhekk, ingħatawlu għadd ta'* default notices *kif ukoll avviż ta' terminazzjoni tal-kuntratt, datat 13 ta' Ottubru 2021.*

*Il-Qorti rat dawn id-*default notices*:-*

B'default notice *maħruġ mis-Sindku tal-Kunsill Lokali Rabat fit-8 ta' Ottubru 2021 is-soċjetà attriċi ġiet mgħarrfa dwar nuqqas serju fl-operat tal-kuntratt mogħti lilha b'tender, konsistenti fil-fatt illi l-kuntratturi sorveljati minnha, fosthom il-kuntrattur tal-*handyman *u l-kuntratturi tal-ġbir tal-iskart, mhux lesti jaħdmu magħha u minħabba dan, is-servizz sejjer lura. Id-*default notice *isemmi espressament rapport li kien sar minn Raphael Carabott lil Waste Collection Limited fejn ġie rapportat illi l-konvenut Paul Tanti kien ħa skart fis-*Civic Amenity Site*, liema rapport skont is-Sindku, tappan ir-reputazzjoni tal-Kunsill Lokali.*

B'default notice *ieħor maħruġ mis-Sindku tal-Kunsill Lokali Rabat fit-12 ta' Ottubru 2021, is-soċjetà attriċi ġiet mgħarrfa dwar nuqqas serju fl-operat tal-kuntratt, fir-rigward tal-kuntratt iffirmat bejn il-Kunsill u Waste Collection Limited, fejn tħallew boroż taż-żibel għal ħin twil f'positijiet turistiċi u baqgħu ma nġabrux.*

*Imbagħad fit-13 ta' Ottubru 2021 inħareġ avviż tat-Terminazzjoni tal-Kuntratt, li bħala raġuni għat-terminazzjoni, iċċita espressament episodji dwar in-nuqqas tal-ġbir tal-iskart, in-nuqqas ta' superviżjoni tal-kenniesa u d-deterjorament tal-kwalità tas-servizz, kif ukoll ir-rapport li kien sar lil Wasteserv Limited fil-konfront tal-konvenut, mertu tad-*default notice *datat 12 ta' Ottubru 2021:* "Għaldaqstant il-Kunsill Lokali tar-Rabat qiegħed jittermina l-kuntratt ta' Contract Manager b'mod immedjat".

*Fir-rigward, Raphael Carabott xehed hekk:-*

"naturalment id-deċiżjoni ħaduha fis-27 ta' Ottubru 2021 mentri t-terminazzjoni kienet 13 ta' Ottubru jiġifieri s-Sindku u s-Segretarju kienu diġà ddeċiedew li jiena ħa jitterminali l-kuntratt qabel iddeċieda l-Kunsill fis-27."

*Huwa jattribwixxi d-deċiżjoni tal-Kunsill Lokali li jittermina l-kuntratt mas-soċjetà attriċi qabel iż-żmien pattwit, għall-allegazzjonijiet li l-konvenut kien ilu jagħmel fil-konfront tiegħu matul sajf sħiħ, u li beda jxewwex lis-Sindku kontrih. Qabel il-laqgħa tas-27 ta' Ottubru 2021, huwa qabbad avukat biex jiddefendi ruħu waqt il-laqgħa kontra d-*default notices *u l-avviż ta' terminazzjoni tal-kuntratt. Huwa kien qed isegwi l-laqgħa* online *għaliex ma kienx mistieden jattendi, iżda ra li s-Sindku kien stieden lill-konvenut Paul Tanti biex jispjega lill-kunsilliera fuq is-servizz tal-knis. Meta l-konvenut ġie biex jitkellem waqt il-laqgħa, intefa l-awdjo u ma seta' jinstema' xejn minn dak li ntqal mill-konvenut. L-għada huwa tkellem ma' Rudolph Grima, wieħed mill-Kunsillieri li kien fil-laqgħa, u rripetielu dak li kien qal il-konvenut waqt il-laqgħa.*

***Rudolph Grima** xehed illi huwa kien preżenti fil-laqgħa tal-Kunsill Lokali tar-Rabat tas-27 ta' Ottubru 2021 fejn ġiet diskussa l-kwistjoni tat-terminazzjoni tal-kuntratt bejn is-soċjetà attriċi u l-Kunsill. Ikkonferma li l-laqgħa kienet ġiet sospiża u ntefa l-awdjo tat-trasmissjoni* online *meta ġie biex jitkellem il-konvenut, li kien mistieden biex jispjega x'kienu d-*default notices *li nħarġu fil-konfront tas-soċjetà attriċi u kien qal: (i) li ma kienx hemm relazzjoni tajba bejn Raphael Carabott u l-Kunsill Lokali, (ii) li Carabott kien hedded li jnaqqas il-pagi tal-kenniesa u (iii) kien ukoll irrapporta lill-istess konvenut lil Wasteserv Ltd li kien qed jarmi l-iskart goff tal-Kunsill f'siti fejn mhux suppost jintrema'.*

***Injazju Cassar**, kunsillier fil-Kunsill Lokali tar-Rabat li wkoll kien preżenti għal-laqgħa tas-27 ta' Ottubru 2021, ikkonferma dan fis-sostanza meta xehed hekk (fn. 5 Xhieda tal-4 ta' April 2022, paġna 51 tal-atti tal-kawża):*

"Paul Tanti qal li kien hemm is-Sur Raphael Carabott beda jikkmanda l-kenniesa u jindaħlilhom f'xogħolhom bħal speċi u jnaqqsilhom xi flus fix-xahar u qal illi mhux sew illi jibqgħu sejrin dawn l-affarijiet u waqfuhom mill-Wasteserv ukoll, ma ħallewhx jidħol il-Wasteserv."

***Anthony Bonello**, is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill, ukoll xehed illi ma kienx xogħol Raphael Carabott taħt il-kuntratt ta'* contract management*, li jissorvelja x-xorta ta' skart li qed jintrema' fil-faċilitajiet tal-Wasteserv Ltd.*

*Ikkunsidrat;*

*Il-Qorti tibda biex tosserva illi mhux kompitu tagħha f'azzjoni ta' malafama bħalma hi l-azzjoni odjerna, biex tiddeċiedi jekk id-deċiżjoni tal-Kunsill Lokali li jittermina l-kuntratt ta'* contracts managament *konkluż mas-soċjetà attriċi, kienetx f'lokha jew jekk huwiex minnu li s-soċjetà attriċi naqset milli tadempixxi l-obbligi tagħha taħt il-kuntratt, jew jekk b'xi mod ieħor imxiet ħażin. L-azzjoni odjerna hi, dikjaratament, waħda għal malafama minħabba inġurja, intiża* inter alia *għall-ħlas tad-danni għal malafama, likwidati skont kif maħsub mill-Att dwar il-Midja u l-Malafama.*

*Għalhekk l-istħarriġ tal-Qorti huwa arġinat, fl-ewwel lok, għad-determinazzjoni dwar jekk l-istqarrijiet impunjati bħala malafamanti humiex azzjonabbli bħala stqarrijiet diffamatorji għall-fini tal-artikolu 3(4) tal-Att. Dan jistipola li stqarrijiet m'humiex diffamatorji sakemm ma jikkawżawx ħsara serja jew ikunu jistgħu jikkawżaw ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna jew persuni speċifiċi li jagħmlu t-talba, iżda, ħsara lir-reputazzjoni ta' korp li jopera għal profitt m'hijiex ħsara serja sakemm ma tkunx ikkawżat jew tkun ser tikkawża telf finanzjarju serju.*

*Fir-rigward ingħad hekk (fn. 6 Gatley, ibid. 2.4, pg. 39):-*

"Whether the threshold of serious has been met is a multifactorial question, that ... will require the court to consider matters such as the nature and the inherent gravity of the allegation, whether the publication was oral or written, the status and the number of publishees and whether the allegations were believed, the status of the publisher and whether this makes it more likely that the allegation will be believed and the transience of the publication." *(fn. 7 Dwar ir-rekwiżit tal-prova tal-ħsara serja lir-reputazzjoni, il-Gatley jgħid hekk- "*Proof that serious harm to reputation has actually occurred will obviously suffice but the claimant need only prove that such harm was likely. The harm need not manifest itself in financial terms, though it may do so: serious harm for the purposes of this provision may also be established by proof that the effect of the libel was to cause others to shun the claimant, or that the claimant was caused serious injury to feelings, distress, hurt and/or humiliation.*" - Gatley, ibid. 2.6, pg. 41.)*

*Kwantu speċifikatament azzjonijiet għal malafama li jigu istitwiti minn korp li jopera għal profitt, jingħad illi għalkemm korp, bħala persuna legali, m'għandux emozzjonijiet u ma jistax għalhekk, fil-prattika, iħossu offiz jew insultat iżda jista' jsofri biss ħsara finanzjarja, il-ħsara li tista' ġġarrab m'hijiex limitata biss għal telf ta' introjtu, għaliex ir-reputazzjoni kummerċjali u l-avvjament ukoll jistgħu iġarrbu ħsara.*

*Għalhekk, kumpannija tista' ssostni azzjoni għal malafama jekk jiġi ppruvat illi l-kliem diffamatorju jimpingi negattivament b'mod serju fuq ir-reputazzjoni kummerċjali*

*tagħha jew fuq in-negozju tagħha b'mod li kkawża jew ikun ser jikkawża telf finanzjarju serju.*

"A trading corporation or company "has a trading character, the defamation of which may ruin it". … "The reputation of a corporate body is capable of being, and will usually be, not simply something in which its directors and shareholders may take pride, but an asset of positive value to it." *(fn. 8 Gatley, ibid., 8.16, p. 295)*

*Il-Qorti ma tqisx illi huwa meħtieġ sabiex jiġi sodisfatt il-kriterju impost mill-artikolu 3(4) tal-Att, illi s-soċjetà inġurjata tipprova telf finanzjarju attwali u dan minħabba fid-diffikultà manifesta li jiġi ppruvat ness kawżali bejn il-malafama u t-tnaqqis tal-introjtu. Huwa għal din ir-raġuni li l-liġi tqis bħala suffiċjenti l-prova li* ***ikun ser jiġi kkawżat*** *telf finanzjarju serju. Dan ir-rekwiżit huwa differenti mir-rekwiżit ta' ħsara serja lir-reputazzjoni ta' persuna naturali, fejn l-artikolu 3(4) tal-Att iqis bħala suffiċjenti l-prova l-potenzjal ta' ħsara serja, fejn l-istqarrija impunjata* ***tista' tikkawża*** *ħsara serja. Fil-każ ta' korp li jopera għal profitt, tabilħaqq irid jintwera li sejjer jiġi kkawżat telf finanzjarju serju b'effett tal-istqarrija malafamanti u mhux biss il-potenzjal ta' telf finanzjarju.*

*Kwantu għall-ħtieġa tal-malizzja tal-istqarrija f'azzjoni għal inġurja, bħalm'hi l-azzjoni odjerna, il-prova ta' dan l-element tinkombi lill-persuna aggravata u għalhekk jispetta lis-soċjetà attriċi tikkonvinċi lill-Qorti illi l-konvenut ma kellux il-fehma ġenwina jew ma kienx jemmen onestament f'dak li esprima fil-konfront tagħha jew li hija kien motivat fl-istqarrija tiegħu minn malizzja jew intenzjoni ħażina.*

*In materja, Collins (fn. 9 Collins on Defamation: Matthew Collins QC, Oxford University Press, 2014 Ed. – pp. 244) jirritjeni illi "*knowledge of the falsity of a defamatory statement will ordinarily be conclusive evidence of malice.*"  Ikompli jgħid: "*Malice may also be inferred from a defendant's ill-will, prejudice, bias, recklessness, lack of positive belief in the truth of what is published, or improper motive ..."

*Fuq kollox jinsab ritenut illi:- "*Malice cannot be inferred solely from the use of inflammatory or exaggerated lanugauge, or a failure to retract and apologise.*" (fn. 10 Blackwell v. News Group Newspapers Ltd (2007) EWHC 3098 (QB) para. 18-19, kif ċitat f'Collins, Ibid. pp. 245)*

*Ikkunsidrat;*

*Il-Qorti tibda biex tosserva illi t-tielet eċċezzjoni tal-konvenut fir-Risposta tiegħu, fejn jikkontendi li jonqos l-element tal-midja mitkuba, m'hijiex tajba u f'lokha, għaliex kif rajna, il-malafama b'inġurja issir oralment, bil-fomm, u mhux bil-midja miktuba, purche' naturalment jissussisti l-element tal-pubblikazzjoni.  Fil-każ ta' inġurja, dan l-*

*element hu sodisfatt jekk il-kliem jiġi komunikat mhux biss lill-persuna aggravata iżda imqar ukoll lil persuna oħra (fn. 11* "Communication only to the defamed person may be sufficient, however, where that person is under a duty to and does, communicate the statement to another…" *– Collins on Defamation, Matthew Collins QC, Oxford University Press, (2014 Ed.) p. 70*), *filwaqt li fil-każ ta' libell, l-artikolu 3(1) tal-Att joħloq preżunzjoni ta' pubblikazzjoni meta l-istqarrijiet diffamatorji isiru fil-midja miktuba. Iż-żewġ xejriet tal-malafama huma manifestati wkoll fil-fatt illi taħt l-Att dwar il-Midja u l-Malafama, il-massimu tad-danni morali li jista' jiġi likwidat u aġġudikat għal malafama b'inġurja, huwa ferm inqas mill-massimu tad-danni morali aġġudikabbli għal malafama b'libell (fn. L-Artikolu 9 tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama jistabbilixxi li l-ammont li jista' jingħata bħala danni morali f'azzjoni għal inġurja, fis-somma massima ta' ħamest elef Euro.) u dan huwa x'aktarx dovut għan-natura transjenti tal-kliem u stqarrijiet li jsiru bil-fomm, diversament mill-forma fiżika u xi kultant ukoll permanenti ta' stqarrijiet li jsiru fil-midja mitkuba.*

*Fit-trattazzjoni finali, ġie sottomess mill-abbli avukat tal-konvenut li l-azzjoni attriċi għandha tfalli wkoll għaliex hu nieqes l-element tal-pubblikazzjoni tal-malafama għaliex meta l-konvenut tkellem waqt il-laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-27 ta' Ottubru 2021, il-*microphone *kien mitfi u għalhekk id-diskors ma kienx imxandar.*

*Din is-sottomissjoni m'hijiex tajba. Huwa stabbilit mill-provi u f'kull każ hu ovvju li l-konvenut ma kienx waħdu fil-laqgħa u għalhekk, l-element tal-pubbliċità – fondamentali biex isejjes azzjoni għal malafama - huwa ppruvat.*

*Ikkunsidrat;*

*Qabel xejn, għandu jiġi stabbilit liem'huma l-istqarrijiet diffamatorji li qed jiġu impunjati mis-soċjetà attriċi, l-imputazzjonijiet li jitnisslu minn dawn l-istqarrijiet u jekk dawn humiex diffamatorji għall-fini tal-artikolu 3(4) tal-Att.*

*It-talba tas-soċjetà attriċi hi arġinata esklussivament għall-istqarrijiet jew allegazzjonijiet li saru mill-konvenut waqt il-laqgħa tas-27 ta' Ottubru 2021, u għal ebda stqarrija jew allegazzjoni oħra li mill-provi jista' jirriżulta li saret mill-konvenut fil-konfront tagħha. Jirriżulta wkoll illi l-istqarrijiet allegatament malafamanti saru mhux lilha direttament iżda lill-Kunsilliera li kienu preżenti fil-laqgħa.*

*Mix-xhieda ta' Rudolph Grima u Injazju Cassar li semgħu lill-konvenut jindirizza lill-kunsillieri fil-laqgħa in diżamina, il-Qorti tidentifika s-segwenti stqarrijiet jew allegazzjonijiet li saru minnu fil-konfront tad-direttur tas-soċjetà attriċi:-*

*(i) kien qed jikkmanda lill-kenniesa, jindaħlilhom f'xogħolhom kif ukoll naqqsilhom xi flus mill-pagi tagħhom u (ii) kien irrapporta li l-konvenut għan-nom tal-Kunsill Lokali tar-Rabat kien qed jarmi l-iskart fil-faċilità tal-Wasteserv b'mod irregolari.*

*Is-soċjetà attriċi tikkontendi li dawn l-allegazzjonijiet huma foloz u inveritieri u saru bil-ħsieb speċifiku li* "jiġġustifikaw u jikkonvinċu lill-Kunsill Lokali tar-Rabat biex jissanzjona d-deċiżjoni għat-terminazzjoni tal-kuntratt (fn. 13 Tender RLC/TO160/17 'For the Provision of a Contracts Manager".

*Għandu jingħad illi mhux kull stqarrija li hija falza jew inveritiera hi wkoll neċessarjament diffamatorja għaliex kif rajna, stqarrijiet m'humiex diffamatorji jekk ma jikkaġunawx ħsara lir-reputazzjoni lill-persuna aggravata u fil-każ ta' korp li jopera għal profitt, ħsara lir-reputazzjoni ma titqiesx li hija ħsara serja sakemm ma tkunx ikkawżat jew tkun ser tikkawża telf finanzjarju serju.*

*Dan ifisser illi għalkemm jista' jkun li l-konvenut għamel stqarrijiet foloz jew bla bażi fil-konfront tas-soċjetà attriċi matul il-laqgħa tal-Kunsill Lokali tar-Rabat fis-27 ta' Ottubru 2021, ma jfissirx b'daqshekk li dawn huma diffamatorji għaliex is-soċjetà attriċi jeħtiġilha tipprova wkoll speċifikatament illi dawn ikkaġunaw ħsara serja lir-reputazzjoni tagħha kif ukoll għaliex hija kumpannija kummerċjali, telf finanzjarju serju.*

*Skont kif ġie ritenut minn Lord Atkins fid-deċiżjoni ċelebri* ***Sim v. Stretch*** *(fn. 14 [1936] 2 All ER 1237, 1240), biex stqarrija titqies li hija diffamatorja, jinħtieġ li, "*the words tend to lower the plaintiff in the estimation of right-thinking members of society generally.*"*

*Il-Qorti tibda biex tgħid illi fl-istqarrijiet magħmula verbalment mill-konvenut waqt il-laqgħa, ma tirravviża ebda ħtieġa ta' tiftix għal xi tifsira kumplikata jew xi inferenza lil hinn minn dak li jirriżulta mill-kliem infushom, ċioé li s-soċjetà attriċi fl-eżekuzzjoni tar-rwol tagħha ta'* contracts manager*, indaħlet f'materji li ma kienux kompitu tagħha taħt il-kuntratt, ħolqot tensjoni u problemi bejn il-Kunsill u l-ħaddiema tal-kuntratturi u għamlet allegazzjonijiet li jirriflettu ħażin fuq il-Kunsill Lokali. Ma hemm xejn fl-istqarrijiet jew fil-kliem li huwa inerentement inġurjuż jew diffamatorju jew li fih tendenza li jikkawża xi ħsara lir-reputazzjoni - wisq inqas ħsara serja kif rikjest mil-liġi - f'għajnejn persuna ordinarja u raġonevoli li jisma' l-kliem impunjat. Anke jekk tassew is-soċjetà attriċi kienet qed taġixxi entro l-parametri tagħha bħala* contracts manager *meta sorveljat l-operat tal-kenniesa u jew tathom struzzjonijiet, jew meta rrapportat irregolaritajiet fir-rimi tal-iskart, u allura l-allegazzjonijiet li saru mill-konvenut setgħu ma kienux korretti jew fondati, dan ma jfissirx li l-istqarrijiet tal-konvenut huma diffamatorji.*

*Ibda biex il-kliem allegatament malafamanti ntqal matul laqgħa tal-Kunsill Lokali fis27 ta' Ottubru 2021 f'liema laqgħa, skont kif jirriżulta mill-minuti (Dok. RG1), kien hemm preżenti biss disa' persuni: kunsilliera, il-viċi sindku u s-sindku tal-Kunsill. Huwa*

*minnu il l-laqgħa kienet aċċessibbli għall-pubbliku għaliex kienet* streamed live *iżda jirriżulta wkoll illi fil-ħin li tkellem il-konvenut u s'intendi għamel l-istqarrijiet orali allegatament diffamatorji, l-awdjo ma kienx qed jiġi trasmess għaliex il-*microphone *kien mitfi bil-konsegwenza li kienu biss il-kunsillieri preżenti fiżikament għal-laqgħa li semgħu l-kliem tal-konvenut. Għalkemm f'dan il-każ l-udjenza kienet waħda ferm limitata għaliex in-numru tal-persuni li lilhom ġew ippubblikati l-kliem allegatament inġurjuż hu wieħed negliġibbli, ma jfissirx li l-kriterju ta' ħsara serja lir-reputazzjoni hu neċessarjament eskluż, għaliex tabilħaqq fil-każ in diżamina l-kliem ġew ippubblikati lil dawk il-persuni li kellhom is-setgħa li jiddeċiedu dwar it-terminazzjoni o meno tar-relazzjoni kontrattwali bejn il-Kunsill u s-soċjetà attriċi.*

*Iżda bla dubju, il-firxa ferm limitata tal-pubblikazzjoni ma jistax ma jinċidix negattivament fuq l-element tal-ħsara serja lir-reputazzjoni. Magħdud dan il-fatt illi il-kliem tal-konvenut, meħudin komplessivament, ma jnisslux tifsira diffamatorja. Dan qed jingħad għaliex il-pubblikazzjoni ta' stqarrijiet foloz jew inveritieri li ma jkunux akkumpanjati minn allegazzjonijiet speċifiċi ta' kondotta ħażina u li ma jikkostitwixxux attakk fuq il-karattru morali tal-persuna aggravata, m'humiex ikkunsidrati bħala diffamatorji. Ma jirriżultax illi l-konvenut, fid-dikjarazzjonijiet li għamel fil-laqgħa in diżamina, allega li s-soċjetà attriċi tikkonduċi n-negozju tagħha b'mod irregolari, inkompetenti jew diżonest, u dawn id-dikjarazzjonijiet ma ġewx akkumpanjatati minn imputazzjoni speċifika ta' kondotta illegali jew mhux etika da parti tal-kumpannija.*

*Kif rajna, is-soċjetà attriċi fir-Rikors promotur, tisħaq li l-konvenut għamel l-allegazzjonijiet impunjati bl-iskop li jikkonvinċi lill-Kunsill Lokali tar-Rabat biex jissanzjona d-deċiżjoni ġià meħuda għat-terminazzjoni tal-kuntratt tal-*contract management*. Iżda hu paċifiku fil-ġurisprudenza dwar il-liġi tad-diffamazzjoni illi biex jiġi stabbilit l-imputazzjoni li titnissel mill-istqarrijiet impunjati f'azzjoni għal diffamazzjoni, l-intenzjoni tal-pubblikatur hija kompletament irrilevanti (fn. 15* ***Jeynes v News Magazines Ltd*** *[2008] EWCA. L-intenzjoni tal-pubblikatur hija rilevanti biss għall-fini tad-difiża taħt l-artikolu 5 tal-Att dwar il-pubblikazzjoni ta' materja ta' interess pubbliku u f'libell kummerċjali taħt l-artikolu 16 tal-Kap. 579).*

Ukoll: ".... what imputation is conveyed by any particular words is to be determined on an objective test, that is, by the meaning in which the ordinary reasonable person would understand them, and is not to be determined by what the defendant intended to convey. 'Liability for libel does not depend on the intention of the defamer, but on the fact of defamation.'" *(fn. 16 Gatley, ibid. 3.15, p. 117)*

*Inoltre, l-iskop li ġie addebitat mis-soċjetà attriċi lill-kliem tal-konvenut, mhux sorrett mill-provi għaliex jirriżulta illi l-konvenut ma kienx attenda għal-laqgħa minn jeddu jew talab jew insista li jitkellem dwar il-kuntratt tal-*contracts management*, iżda skont dak li jirriżulta mil-minuti tal-laqgħa, kien ġie mistieden mis-Sindku biex, testwalment* "jagħti aktar dettalji dwar dan il-kuntratt tal-knis li kien fil-passat qed jieħu ħsiebu wkoll." *Barra dan il-fatt illi hu stabbilit ukoll illi l-kuntratt tas-soċjetà attriċi kien diġà ġie terminat mill-Kunsill Lokali tar-Rabat u għalhekk, il-kliem tal-konvenut ftit seta' kellu effett fuq dak ġià deċiż, wisq inqas ikkawża ħsara serja.*

*Evidentement, kien hemm storja ta' konflitti u diżgwid bejn Raphael Carabott, id-direttur tas-soċjetà attriċi, u l-konvenut, dwar is-superviżjoni tal-ħaddiema u t-twettiq tal-kuntratt tal-knis tat-toroq, u ma kellhomx relazzjoni professjonali tajba. Filwaqt li s-soċjetà attriċi kienet il-kuntrattur responsabbli għall-eżekuzzjoni tal-obbligi tal-kuntratturi l-oħrajn tal-Kunsill, fosthom tal-knis tat-toroq, il-konvenut ukoll kien jissorvelja lill-kenniesa bħala parti mir-rwol tiegħu bħala l-*foreman *tal-kuntrattur tal-knis, Waste Collection Limited, u jidher li għalhekk bdew iwaħħlu f'xulxin kull meta kien ikun hemm xi lment mis-Sindku dwar xi kwistjoni marbuta mal-kenniesa.*

*Il-Qorti rat il-korrispondenza elettronika esebita mis-soċjetà attriċi, fejn jirriżulta illi s-Sindku tal-Kunsill kien sostna li s-soċjetà attriċi għandha kunflitt ta' interess għaliex taħdem mal-kuntratturi oħrajn involuti mal-Kunsilli Lokali f'Malta, u kien jilmenta ma' Raphael Carabott dwar inċidenti varji li kienu nqalgħu mal-ħaddiema tal-kuntrattur Waste Collection Limited, filwaqt li Raphael Carabott min-naħa tiegħu kien jitfa' t-tort fuq il-konvenut bħala l-*foreman *imqabbad mill-istess kuntrattur, li ma kienx qed jagħmel xogħlu sew.*

*Kwantu għall-element tal-malizzja, għalkemm tassew ma jidhirx li s-soċjetà attriċi kellha xi setgħa tnaqqas il-pagi tal-kenniesa, li jfisser li l-allegazzjoni li saret f'dan is-sens mill-konvenut ma jidhrix li hija fondata, il-Qorti m'hijiex sodisfatta li l-prova tal-falsità ta' aspett wieħed mill-istqarrijiet impunjati, hu biżżejjed waħdu biex jiġi stabbilit l-element tal-malizzja.*

*Ma ntweriex sodisfaċentement li l-istqarrijiet kollha tal-konvenut magħmula waqt il-laqgħa, kienu foloz, wisq inqas li kienu motivati minn ingann u malafede: għall-kuntrarju il-Qorti, wara li semgħet ix-xhieda hi tal-fehma illi x'aktarx dawn l-istqarrijiet kienu x'aktarx ixprunati mit-tensjoni li nħoloq meta l-operat tal-kenniesa beda jiġi sorveljat mis-soċjetà attriċi minflok mill-konvenut, u minn malintiżi dwar l-lmenti li dwarhom il-kenniesa kienu jiftħu qalbhom mal-konvenut in konnessjoni mas-sorveljanza li kienet issir minn Raphael Carabott. Hekk per eżempju, jirriżulta li t-tnaqqis fil-pagi tal-kenniesa kien isir mill-kuntrattur u mhux mis-soċjetà attriċi, iżda dan abbażi ta' informazzjoni reġistrata mill-apparat tal-GPS li s-soċjetà attriċi kellha*

*aċċess għaliha. Dan, fost ilmenti oħrajn marbut mal-ilbies tal-uniformijiet, kien ħoloq l-ambjent ta' nuqqas ta' kuntintizza fost il-kenniesa li l-konvenut kien tkellem dwaru fil-laqgħa tas-27 ta' Ottubru 2021 fir-rwol tiegħu ta'* foreman *tal-istess ħaddiema. F'dan il-kwadru ta' fatti, il-Qorti tqis li l-prova tal-malizzja ma saritx kif imiss u fil-grad meħtieġ mil-liġi.*

*Illi stabbilit li l-kliem ma fihomx tifsira inġurjuża u ma fihomx propensità inerenti ta' ħsara serja lir-reputazzjoni, u stabbilit ukoll il-mankanza tal-prova tal-malizzja, il-Qorti tista' tieqaf hawn fl-istaħrriġ tagħha. Iżda għandu jingħad illi s-soċjetà attriċi naqset ukoll milli tressaq provi dwar xi impatt ta' ħsara li dan il-kliem kellu fuq ir-reputazzjoni tagħha f'għajnejn mhux il-Kunsill Lokali tar-Rabat, iżda f'għajnejn persuni ordinarji u raġonevoli.*

*Skont kif ġie mfisser fid-deċiżjoni fil-każ ta'* ***Lachaux*** *(fn. 17 Ibid.), il-kriterji ġodda għall-azzjonabbilità tal-malafama, stabbiliti fl-artikolu 1 tad-Defamation Act (2013) – l-ekwivalenti għall-artikolu 3(4) tal-Att domestiku - ifissru li llum bil-promulgazzjoni tal-liġi l-ġdida, jeħtieġ li jiġi ppruvat mhux biss in-natura diffamatorja tal-kliem jew stqarrijiet pubblikati iżda wkoll l-impatt negattiv ikkaġunat b'effett tal-pubblikazzjoni:-*

"... section 1 necessarily means that a statement which would previously have been regarded as defamatory, because of its inherent tendency to cause some harm to reputation, is not to be so regarded unless it "has caused or is likely to cause" harm which is "serious". The reference to a situation where the statement "has caused" serious harm is to the consequences of the publication, and not the publication itself. It points to some historic harm, which is shown to have actually occurred. This is a proposition of fact which can be established only by reference to the impact which the statement is shown actually to have had. It depends on a combination of the inherent tendency of the words and their actual impact on those to whom they were communicated. The same must be true of the reference to harm which is "likely" to be caused. *(fn. 18 Paragrafu 14 tad-deċiżjoni tal-Qorti Suprema tar-Renju Unit* ***Bruno Lachaux v. Independent Print Ltd et.)***

*Ġie ritenut ukoll mill-Qorti Suprema illi mhux biżżejjed bl-introduzzjoni tal-kriterju ta' ħsara serja u telf finanzjarju serju, li l-karattru diffamatorju tal-istqarrija impunjata jiġi stabbilit biss b'referenza għat-tifsira tal-kliem u t-tendenza inerenti tagħhom li jagħmlu ħsara lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata, u jeħtieġ addizzjonalment għas-suċċess tal-azzjoni li l-persuna aggravata jiddemostra bħala fatt, anke permezz ta' inferenza ta' fatt, illi l-ħsara kkawżata mill-pubblikazzjoni kienet serja jew hi potenzjalment serja (fn. 19 Ibid. para 21 tad-deċiżjoni) - prova li fil-każ in diżamina hi mankanti b'mod assolut sija in kwantu t-tifsira tal-kliem impunjat u sija wkoll fuq il-*

*livell ta' ħsara kawżata mill-pubblikazzjoni' (fn. 20 A contrariu sensu, dan ifisser illi fejn il-kliem infushom tal-istqarrija impunjata ma jnisslux fihom infushom tifsira diffamatorja, l-azzjoni ma tistax tirnexxi anke jekk il-kriterju ta' telf finanzjarju serju attwali jew imminenti jkun ġie ppuvat għaliex iż-żewġ kriterji huma kumulattivi u mhux alternattivi, li jfisser li l-prova tal-ħsara serja lir-reputazzjoni u, f'każ ta' korp li jopera għal profitt, telf finanzjarju serju, għandha tiġi stabbilita indipendentement u b'żieda mal-prova tat-tifsira diffamatorja tal-istqarrijiet impunjati.).*

*Kemm hu hekk, Anthony Bonello, is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat ċaħad fix-xhieda tiegħu illi d-*default notices *kienu nħarġu mill-Kunsill abbażi ta' dak li kien qal il-konvenut, u li kienu s-Segretarju u s-Sindku nfushom li kienu qalulu li Raphael Carabott kien qed joħloq tensjoni mal-kenniesa billi kien ukoll isegwi lill-ħaddiema bil-GPS u jammonihom jekk ikun jirriżulta li jkunu weqfin mix-xogħol. Ikkonferma wkoll illi l-Kunsill Lokali ma qagħadx biss fuq dak li kien qal il-konvenut waqt il-laqgħa iżda għamel il-verifiki tiegħu direttament mal-kenniesa qabel ittieħdet id-deċiżjoni li jiġi terminat il-kuntratt tas-soċjetà attriċi. Jirriżulta wkoll li d-*default notices *kienu nħarġu wkoll minħabba ċirkostanzi oħrajn li fihom il-konvenut ma kellu ebda sehem.*

*Imbagħad, Injazju Cassar fix-xhieda tiegħu wkoll eskluda li wara d-diskors tal-konvenut fil-laqgħa, ittieħdu xi deċiżjonijiet fir-rigward tas-soċjetà attriċi, ħlief li l-Kunsill aċċetta li jħallas l-ammonti li kienu pendenti u dovuti lis-soċjetà attriċi biex jiġu evitati proċeduri fil-qorti, għaliex il-kuntratt bejn il-Kunsill u s-soċjetà attriċi kien diġà ġie terminat minħabba li nħarġu tliet* default notices.

*Il-Qorti tosserva wkoll illi fil-minuti tal-laqgħa tas-27 ta' Ottubru 2021 (Dok. RG1), ġie reġistrat illi s-Sindku Sandro Craus stieden lill-kunsillieri biex jisimgħu lill-*handyman *tal-Kunsill, il-konvenut Paul Tanti testwalment biex jagħti iktar dettalji dwar il-kuntratt tal-knis u (fn. 21 46.05 Biex il-Kunsill Lokali tar-Rabat jittermina l-kuntratt tal-Contract Manager, Synthesis Management Ltd) in segwitu:-*

"Intlaħaq ftehim biex issir laqgħa ma' Synthesis Management u Waste Collection Ltd biex b'mod amikevoli nirtiraw it-terminazzjoni li diġà ntbagħtet mhux għax naqblu magħha iżda biex naslu għal ftehim u nevitaw id-dewmien u l-ħela ta' ħin fil-Qrati ta' Malta."

*Għalkemm jirriżulta li in segwitu għal-laqgħa tas-27 ta' Ottubru 2021 il-Kunsill baqa' qatt ma bagħat għad-direttur tas-soċjetà attriċi u għal Waste Collection Limited biex jismagħhom, minkejja d-deċiżjoni li ttieħdet fl-imsemmija laqgħa, huwa eskluż li l-konvenut kellu x'jaqsam mad-deċiżjoni biex ma tinstemax il-verżjoni tas-soċjetà attriċi (fn. 22 Xhieda ta' Anthony Bonello, 16 ta' Mejju 2022).*

*Għall-Qorti dan kollu jfisser illi kuntrarjament għal dak li qed jiġi asserit mis-soċjetà attriċi, il-kuntratt ta'* contracts management *ma ġiex itterminat mill-Kunsill Lokali tar-Rabat abbażi tal-allegazzjonijiet li saru mill-konvenut waqt il-laqgħa tas-27 ta' Ottubru 2021 – ħaġa li ġiet eskluża wkoll minn Rudolph Grima u f'kull każ il-kuntratt ġie mitmum b'effett tal-avviż ta' terminazzjoni datat 13 ta' Ottubru 2021. Jidher ukoll illi minkejja dak li seta' qal il-konvenut waqt l-imsemmija laqgħa, il-Kunsilliera ddeċidew li jitlaqgħu mas-soċjetà attriċi bil-ħsieb il t-terminazzjoni tal-kuntratt tagħha mal-Kunsill Lokali, tiġi rtirata.*

*Ma jirriżulta minn imkien u lanqas ġie allegat illi in segwitu għal-laqgħa, saru xi allegazzjonijiet ulterjuri jew illi l-laqgħa amikevoli ma saritx jew ma ntlaħaqx ftehim biex jiġi rtirat l-avviż tat-terminazzjoni tal-kuntratt minħabba xi allegazzjonijiet li kienu saru mill-konvenut waqt il-laqgħa.*

*Il-korollarju ta' dan kollu hu wkoll illi l-kriterju tat-telf finanzjarju serju, meħtieġ b'mod essenzjali għall-azzjonabilità tal-malafama fejn il-persuna aggravata hi korp li topera għall-profitt, hu wkoll mankanti. Is-soċjetà attriċi naqset milli turi illi sofriet jew serja ssofri telf finanzjarju serju bħala konsegwenza tal-istqarrijiet tal-konvenut waqt il-laqgħa tas-27 ta' Ottubru 2021 u f'kull każ, kif ġià stabbilit, ma jirriżultax li l-kuntratt ta'* contracts management *ġie terminat b'riżultat tal-istqarrijiet tal-konvenut matul il-laqgħa.* ***Barra dan il-fatt illi l-azzjoni attriċi ġiet arġinata esklussivament fuq il-kliem allegatament inġurjuż li ntqal mill-konvenut waqt il-laqgħa msemmija u mhux f'xi okkażjoni oħra, qabel jew wara****.*

*Kif ingħad qabel, dan il-kriterju ta' telf finanzjarju serju jrid jigi sodisfatt b'mod tassattiv u preordinat għas-suċċess ta' azzjoni ta' libell fil-mertu, fejn jeħtieġ li jiġi ppruvat li l-korp aggravat sofra minn hsara serja lir-reputazzjoni tiegħu konsistenti f'telf* ***finanzjarju attwali jew imminenti*** *ta' kalibru serju.*

*Fid-dibattiti Parlamentari dwar l-introduzzjoni tad-Defamation Act 2013 fir-Renju Unit, li fuqu jinsab imsejjes kważi* verbatim *u fl-intier tieghu l-Att dwar il-Midja u l-Malafama, intqal illi "*the use of the phrase 'serious financial loss' makes it absolutely clear that the financial loss required to meet the serious harm test must itself be serious.*" (fn. 23 Collins on Defamation, 2014 Ed., per Matthew Collins QC, 7.15, p. 150. Hawnhekk jikkwota lil Lord Hansard fil-*House of Lords *fit-23 ta' April 2013) Dan biex jitnaqqas l-inċidenza ta' proċeduri dwar pretensjonijiet li huma trivjali u mhux ta' portata serja u li ma jkunx fihom l-imminenza ta' telf finanzjarju serju. Kif ingħad, għalkemm il-liġi ma teħtieġx prova ta' rabta kawżali bejn dan it-telf u l-imputazzjonijiet diffamatorji, ċertament, bl-introduzzjoni ta' kriterji speċifiċi bħal dawn għall-azzjonabbilità tal-allegat malafama, il-Qorti hi tal-fehma li prova tas-*

*serjetà tat-telf finanzjarju jew tal-imminenza ta' tali telf, hija* sine qua non*. Prova li f'dan il-każ, ukoll hi mankanti."*

## **L-Appell**

6. Is-soċjetà appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fl-24 ta' Jannar, 2024, fejn qed jitlob lil din il-Qorti sabiex:

> *"... jogħġobha, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna jogħġobha tirriforma s-sentenza premessa appellata mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-kawża fl-ismijiet premessi tal-11 ta' Jannar 2024 u dana billi tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimat Paul Tanti u konsegwentement tilqa' it-talbiet kollha tal-esponenti billi tiddikjara li l-allegazzjonijiet dwar nuqqasijiet tal-operat tagħha magħmula mill-konvenut Paul Tanti waqt laqgħa tal-Kunsill Lokali tar-Rabat fis-27 ta' Ottubru 2021 waqt li kienet qed tiġi diskussa it-terminazzjoni tal-kuntratt* "Tender RLC/T0160/17 For the Provision of a Contracts Manager"*, kienu malafamanti fil-konfront tal-esponenti, tant li kienu jikkontjenu allegazzjonijiet u insinwazzjonijiet inveritjieri, foloz u kellhom bħala skop li jiġġustifikaw u jikkonvinċu lill-Kunsill Lokali tar-Rabat biex jissanzjona d-deċiżjoni għat-terminazzjoni tal-kuntratt imsemmi, inaqqas r-reputazzjoni, il-ġieħ u l-krediblità tas-soċjetà esponenti u jesponuha għal-disprezz tal-pubbliku, u tordna lil Paul Tanti biex immedjatament u b'mod formali jirtira kull allegazzjoni minnu magħmula fil-konfront tal-esponenti u tikkundanna lil Paul Tanti sabiex iħallas lill-esponent dik is-somma li tiġi likwidata u iffissata minn dina l-Onorabbli Qorti bħala danni bl-applikazzjoni tal-Att Dwar il-Midja u l-Malafama, Kap 597 tal-Liġijiet ta' Malta.*
>
> *Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi, inkluż tal-protest numru 481/2021 datat 14 ta' Diċembru 2021 fl-ismijiet "Carabott Raphael noe vs Tanti Paul" u bl-imgħaxijiet legali kontra l-intimat appellat Paul Tanti."*

Tgħid li l-aggravji tagħha huma s-segwenti: (i) l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-fatti meta sabet li dak li qal Paul Tanti waqt il-laqgħa tal-Kunsill tar-Rabat tas-27 ta' Ottubru, 2021, ma kienx falz, inveritier u ingann fil-konfront tagħha; u (ii) l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat meta

sabet li l-appellat ma kellu xejn x'jaqsam mad-deċiżjoni tal-Kunsill Lokali tar-Rabat fir-rigward tat-terminazzjoni tal-kuntratt li kellu l-Kunsill magħha.

7. L-appellat wieġeb fil-15 ta' Frar, 2024, fejn sostna li l-appell odjern huwa wieħed frivolu u vessatorju, u għalhekk għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kollha kontra s-soċjetà appellanta.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tas-soċjetà appellanta fid-dawl ta' dak li ddeċidiet l-ewwel Qorti, u dan filwaqt li ser tieħu wkoll in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet magħmulin mill-appellat fit-tweġiba tiegħu.

9. Is-soċjetà appellanta tissottometti li sabiex tirnexxi azzjoni bħal dik odjerna, għandhom jirriżultaw żewġ elementi, li huma: (a) il-kliem malafamanti kkawżaw jew setgħu jikkawżaw dannu serju għar-reputazzjoni; u (b) il-kliem malafamanti ntqalu b'malizzja. Is-soċjetà appellanta tikkontendi li proprju hekk irriżulta fil-każ odjern, fejn skont hi, jirriżulta li l-appellat kien xerred xnigħat u dikjarazzjonijiet foloz u inveritieri, billi stqarr waqt il-laqgħa tal-Kunsill Lokali tar-Rabat tas-27 ta' Ottubru, 2021 li hija kienet qiegħda tkeċċi lill-kenniesa mix-xogħol, tagħmel tnaqqis mill-paga tal-kenniesa, għamlet rapport lil Wasteserv li l-appellat kien rema xi skart b'mod irregolari, u li hija kienet qiegħda ssegwi lill-kenniesa permezz tal-GPS u tammonihom meta jieqfu mix-xogħol. Is-soċjetà appellanta tinsisti li l-appellat kien jaf li dan kollu kien falz, u li kien jikkonsisti f'gideb, u dan kif irriżulta mill-kontro-eżami tiegħu, fejn ammetta li l-kenniesa kienu mpjegati mal-kuntrattur privat Waste Collection Limited u mhux magħha, u li hija ma kellha l-ebda poter li tikkontrolla l-pagi tal-impjegati msemmija, jew

li tassenjalhom ix-xogħol jew fejn kellhom jirrapportaw għax-xogħol. Tgħid li l-appellat ikkonferma, kif għamel ukoll ix-xhud Carmel Pullicino, rappreżentant tas-soċjetà Waste Collection Limited, li huwa kien ukoll impjegat bħala *foreman* tal-kenniesa b'kuntratt mal-Kunsill Lokali tar-Rabat sabiex jagħti servizz ta' tindif tat-toroq.  Is-soċjetà appellanta tirrileva li l-falsità u l-gideb irriżulta wkoll mix-xhieda tal-kenniesa stess, li l-appellat għoġbu li jippreżenta bħala xhieda tiegħu. Għal dak li jirrigwarda l-kwistjoni tal-GPS, is-soċjetà appellanta tispjega li s-sistema kienet ġiet introdotta mis-soċjetà Waste Collecttion Limited skont il-kuntratt tagħha mal-Kunsill Lokali tar-Rabat, u dan proprju sabiex jiġu ssorveljati l-kenniesa mpjegati tagħha. Għaldaqstant is-soċjetà appellanta ma kellha xejn x'taqsam mal-użu u l-operat ta' dik is-sistema, u hija kienet biss tiġbed l-attenzjoni tal-imsemmija mpjegati li l-apparat kellu dejjem jinżamm fuqhom bħala mezz ta' kontroll tal-ġbir tal-iskart u tar-rotot li għalihom kienet ġiet ingaġġata s-soċjetà Waste Collection Limited. Dwar l-allegazzjoni tal-appellat ta' xi rapport lil WasteServ, tispjega li dan kien jikkonsisti biss f'indaġini sabiex tassigura li r-rimi tal-iskart ġewwa l-kumpless tal-WasteServ isir sew u skont il-kuntratt.  Tgħid li l-fatt li ma sar l-ebda rapport, ġie kkonfermat mix-xhud Daniel Tabone, prodott minnha stess, iżda anki mix-xhud Diego Grixti, prodott mill-appellat. Għal dak li jirrigwarda l-kwistjoni tal-uniformi tal-kenniesa, is-soċjetà appellanta ssostni li l-appellat kien jaf li dawn ma kienux qegħdin jilbsu l-uniformi, iżda dawwar il-kwistjoni sabiex minflok xerred mal-kunsilliera li hija kienet qiegħda ddejjaq lill-kenniesa u tnaffarhom. Is-soċjetà appellanta tikkontendi li l-appellat kien jaf sew li dak kollu li huwa kien qal fil-laqgħa tas-27 ta' Ottubru, 2021, kien inveritier, falz u malafamanti, iżda huwa kompla sabiex jirnexxi l-pjan tiegħu li jtellfilha ġieħha u anki r-reputazzjoni tagħha, sakemm fil-

fatt ġie tterminat il-kuntratt ta' *Contracts Manager* mill-Kunsill Lokali tar-Rabat. Tgħid li mingħajr dubju, l-intenzjoni tal-appellat kienet waħda malizzjuża, u għalhekk jirriżulta li *'[t]he slanderous words were uttered with malice'.* Is-soċjetà appellanta tirrileva li l-Ewwel Qorti kienet għarfet li r-relazzjoni bejnha u l-appellat ma kienitx waħda tajba, u għalhekk kien hemm raġuni għaliex huwa ried jagħmel il-ħsara. Is-soċjetà appellanta tikkontendi li ċertament ma jistax jirriżulta kif tgħid l-Ewwel Qorti li l-appellat ma kellux x'jaqsam mad-deċiżjoni tal-Kunsill Lokali tar-Rabat, u l-iskop li għalih l-appellat kien issejjaħ għal-laqgħa, kien proprju sabiex huwa jgħid kontriha u jnaqqsilha minn ġieħha. Imbagħad peress li konsegwenza ta' dan kollu, kien ġie tterminat il-kuntratt tagħha mill-imsemmi Kunsill Lokali tar-Rabat, jirriżulta t-tieni element li *'the slanderous words caused or could cause serious reputational harm'.*

10. L-appellat isostni li s-soċjetà appellanta ma kienitx tat każ il-fatt li x-xhieda kenniesa li huwa ppreżenta, kienu kkonfermaw dak li kienu qalulu dwar Raphael Carabott li kien jirrappreżenta lis-soċjetà appellanta. B'dan iżda kien irriżulta li dak li huwa kien qal waqt il-laqgħa tal-Kunsill Lokali tar-Rabat, ma kienx falz u l-Ewwel Qorti kienet għamlet apprezzament dettaljat ta' dawn il-fatti. L-appellat jissottometti li l-provi dwar l-allegata ħsara fuq is-soċjetà appellanta kienu skarsi, u għalhekk ma setax jiġi argumentat li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat ta' provi li saħansitra ma tressqux. L-appellat jirrileva li skont ix-xhieda ta' Diego Grixti, kien ħareġ ċar li ma kienx minnu li s-soċjetà appellanta ma kienitx għamlet rapport kontrih jew kontra l-Kunsill Lokali tar-Rabat. B'riferiment għal dak li xehdu Injazju Cassar u Anthony Bonello, l-appellat jikkontendi li d-*default notices* ħarġu minħabba ċirkostanzi oħra, u li ma kien hemm l-ebda malafama. Jgħid li dan kollu kien ittieħed in konsiderazzjoni mill-

Ewwel Qorti. L-appellat jirrileva li l-verżjoni li tat s-soċjetà appellanta ma tirriflettix dak li kien seħħ, fejn huwa kien ġie mistieden mis-Sindku sabiex jagħti xi dettalji dwar il-kuntratt tal-knis. Iżda jgħid ukoll li s-soċjetà appellanta fl-aħħar mill-aħħar kienet ammettiet li huwa kien ġie msejjaħ biex jattendi għal dik il-laqgħa tal-Kunsill Lokali tar-Rabat. Jagħlaq billi jissottometti li l-appell odjern huwa tassew monk, għaliex filwaqt li s-soċjetà appellanta kienet qiegħda titlob sabiex *'immedjatament u b'mod formali [Paul Tanti] jirtira kull allegazzjoni minnu magħmul fil-konfront tal-esponenti',* hija ma kienitx indikat fuq liema dispożizzjoni tal-liġi hija kienet qiegħda tistrieħ din it-talba tagħha.

11. Il-Qorti tgħid li s-sentenza appellata hija tajba u ġusta. L-Ewwel Qorti qabel xejn għarfet li l-azzjoni odjerna hija waħda ta' malafama magħmula taħt l-Att dwar il-Midja u l-Malafama, fejn is-soċjetà appellanta kienet qiegħda tallega l-malafama f'allegazzjonijiet verbali li saru mill-appellat waqt laqgħa pubblika tal-Kunsill Lokali tar-Rabat fis-27 ta' Ottubru, 2021, u dan filwaqt li kienet qiegħda tiġi diskussa t-terminazzjoni tal-kuntratt *'Tender RLC/T01060/17 for the Proivision of a Contracts Manager'*, bil-għan li jintemm l-istess kuntratt. L-Ewwel Qorti għarfet li l-azzjoni odjerna kienet waħda ta' malafama b'inġurja, fejn min iressaq l-azzjoni kien tenut li jressaq prova sodisfaċenti li kliem allegatament inġurjużi kkaġunaw jew kienu kapaċi li jikkaġunaw ħsara serja lir-reputazzjoni tiegħu, imma anki li l-imsemmi kliem ingħad b'malizzja.

12. L-Ewwel Qorti hawnhekk imbagħad issollevat kwistjoni li tqanqlet ukoll mill-appellat lejn l-aħħar tat-tweġiba tiegħu, jiġifieri li t-talba tas-soċjetà appellanta sabiex *'b'mod formali jirtira kull allegazzjoni minnu magħmul fil-*

*konfront tagħha',* ma kienitx waħda mir-rimedji li jipprovdi l-Att dwar il-Midja u l-Malafama, u għalhekk hija ċaħdet l-imsemmija talba.

13. Wara li kkunsidrat ix-xhieda u l-provi l-oħra li tressqu quddiemha, l-Ewwel Qorti għamlet ċar li fl-azzjoni ta' malafama li kienet qiegħda ssir, hija ma kienitx mistennija tiddeċiedi dwar jekk il-Kunsill Lokali tar-Rabat kellux raġun jittermina l-kuntratt ta' *Contracts Management,* jew jekk tassew is-soċjetà appellanta kienet naqset mill-obbligi tagħha taħt l-imsemmi kuntratt, jew li mxiet ħażin b'xi mod ieħor. L-Ewwel Qorti rrilevat li hija kienet biss marbuta li tinvestiga jekk l-istqarrijiet impunjati bħala malafamanti, kienux azzjonabli bħala stqarrijiet diffamatorji taħt is-subartikolu 3(4) tal-Kap. 579. Hawnhekk l-Ewwel Qorti għarfet li f'azzjoni ta' malafama, ir-rikorrenti tista' tirnexxi jekk turi li l-kliem diffamatorji ikkaġunaw ħsara serja fuq ir-reputazzjoni kummerċjali tagħha jew fuq in-negozju tagħha b'mod li hija ġarbet jew tkun ser iġġarrab telf finanzjarju serju. Fejn is-soċjetà rikorrenti tkun topera għal profitt, l-Ewwel Qorti qalet li kellu jintwera li ser jiġi kkawżat telf finanzjarju serju effett tal-istqarrija malafamanti, u mhux biss il-potenzjal ta' telf finanzjarju.

14. Għal dak li jirrigwarda l-ħtieġa tal-malizzja tal-istqarrija impunjata, l-Ewwel Qorti qalet li l-oneru tal-prova hawnhekk kien fuq il-persuna aggravata, u għalhekk kienet is-soċjetà appellanta li kienet tenuta tikkonvinċi lill-Qorti li l-konvenut ma kellux ħsieb ġenwin, jew ma kienx tassew jemmen b'mod onest dak li huwa kien ikkomunika fil-konfront tagħha, jew li huwa kien motivat fl-istqarrija tiegħu minn malizzja jew intenzjoni ħażina.

15. L-Ewwel Qorti filwaqt li għamlet riferiment għat-tielet eċċezzjoni tal-appellat kif magħmula fit-tweġiba tiegħu, fejn argumenta li fil-każ odjern kien

jonqos l-element tal-midja miktuba, ċaħdet tali eċċezzjoni għaliex spjegat li l-malafama b'inġurja tista' ssir bil-fomm ukoll, jekk kien jirriżulta l-element ta' pubblikazzjoni. Fil-każ ta' inġurja, dan l-element huwa sodisfatt jekk il-kliem jiġi komunikat mhux biss lill-persuna aggravata, iżda imqar ukoll lil persuna oħra. Filwaqt li fil-każ ta' libell, l-artikolu 3(1) tal-Att joħloq preżunzjoni ta' pubblikazzjoni meta l-istqarrijiet diffamatorji isiru fil-midja miktuba. L-Ewwel Qorti rrilevat ukoll li fit-trattazzjoni finali, l-avukat difensur tal-appellat kien issottometta ukoll li l-azzjoni odjerna m'għandhiex tirnexxi għaliex m'hemmx l-element tal-pubblikazzjoni tal-malafama, għaliex meta l-appellat kien tkellem waqt il-laqgħa in kwistjoni tal-Kunsill Lokali tar-Rabat, il-*microphone* kien mitfi u għalhekk id-diskors ma kienx ġie mxandar. Iżda fil-fehma tal-Ewwel Qorti, din is-sottomissjoni ma kellhiex mis-sewwa għaliex mill-provi kien irriżulta li l-appellat ma kienx waħdu fil-laqgħa.

16. Minn hawn l-Ewwel Qorti għaddiet sabiex stabbiliet mix-xhieda ta' Rudolph Grima u ta' Injazju Cassar, li kienu semgħu lill-appellat jindirizza lill-Kunsilliera waqt il-laqgħa, liema kienu l-istqarrijiet jew allegazzjonijiet li huwa kien għamel fir-rigward ta' Raphael Carabott, direttur tas-soċjetà appellanta, jiġifieri li dan (i) kien qed jordna lill-kenniesa, jindaħlilhom f'xogħolhom, u jnaqqsilhom flus mill-pagi tagħhom; u (ii) li dan kien irrapporta lill-appellat, li għan-nom tal-Kunsill Lokali tar-Rabat kien qiegħed jarmi b'mod irregolari l-iskart fil-faċilità tal-WasteServ. L-Ewwel Qorti irrilevat li skont is-soċjetà appellanta, dawn l-allegazzjonijiet kienu foloz u inveritieri, u maħsuba sabiex *'jiġġustifikaw u jikkonvinċu lill-Kunsill Lokali tar-Rabat biex jissanzjona d-deċiżjoni għat-terminazzjoni tal-kuntratt'.*

17. L-Ewwel Qorti stqarret li għalkemm seta' kien il-każ li l-appellat dakinhar tal-laqgħa, għamel stqarrijiet li setgħu kienu foloz jew bla bażi fil-konfront tas-soċjetà appellanta, dan ma kienx ifisser li kienu wkoll diffamatorji, għaliex is-soċjetà appellanta kellha turi wkoll li l-imsemmija stqarrijiet kienu waslu għal ħsara serja fir-reputazzjoni tagħha, u anki għal telf finanzjarju serju, ġaladarba hija kienet kumpanija kummerċjali.

18. Filwaqt li ċċitat dak li qal Lord Atkins fid-deċiżjoni magħrufa fl-ismijiet **Sim *v.* Stretch**, li *"the words tend to lower the plaintiff in the estimation of right-thinking members of society generally",* l-Ewwel Qorti ddikjarat li bir-raġun kollu fl-istqarrijiet li saru, ma kien hemm xejn inġurjuż jew diffamatorju jew li seta' jagħti lok għal ħsara lir-reputazzjoni, jew saħansitra ħsara kif titlob il-liġi f'għajnejn persuna ordinarja u raġonevoli li jisma' l-kliem impunjat.

19. L-Ewwel Qorti għarfet li l-imsemmija kliem kienu ntqalu waqt laqgħa tal-Kunsill Lokali tar-Rabat, fejn skont il-minuti kien hemm preżenti biss disa' persuni li kienu l-kunsilliera, il-viċi sindku u s-sindku, u fil-ħin li tkellem l-appellat il-*microphone* kien mitfi, sabiex b'hekk, għalkemm il-laqgħa kienet waħda pubblika, dawk il-persuni preżenti biss setgħu jisimgħuh. L-Ewwel Qorti qalet li dan ma kienx ifisser li l-ħsara serja lir-reputazzjoni hija neċessarjament eskluża, għaliex il-kliem impunjat sar quddiem persuni li kellhom is-setgħa li jiddeċiedu dwar it-terminazzjoni jew le tar-relazzjoni kuntrattwali bejn il-Kunsill Lokali u s-soċjetà appellanta. Madankollu l-Ewwel Qorti kkunsidrat korrettement li l-pubblikazzjoni limitata tal-kliem, ma ħallietx riżultati negattivi fuq ir-reputazzjoni tas-soċjetà appellanta, u dan fejn kliem l-appellat meqjusin komplessivament, ma kienux diffamatorji għaliex ma kienx hemm allegazzjoni

speċifika ta' kondotta ħażina, u attakk fuq il-karattru morali tal-persuna aggravata.

20. Hawnhekk l-Ewwel Qorti saħħqet li l-intenzjoni tal-pubblikatur hija kompletament irrilevanti f'kawża ta' diffamazzjoni, iżda fil-każ odjern dak li kienet qiegħda tallega s-soċjetà appellanta fir-rigward ta' kliem l-appellat, ma kienx jirriżulta mill-provi. Tispjega li l-appellat kien attenda għal-laqgħa in kwistjoni għaliex kien mistieden mis-Sindku sabiex *'jagħti aktar dettalji dwar dan il-kuntratt tal-knis li kien fil-passat qed jieħu ħsiebu wkoll'.* L-Ewwel Qorti rrilevat li wara kollox kien irriżulta wkoll li l-kuntratt kien diġà ġie tterminat mill-Kunsill Lokali tar-Rabat, fattur tgħid il-Qorti li ċertament inaqqas minn kull allegazzjoni li qiegħda tagħmel is-soċjetà appellanta fil-konfront tal-appellat, u għalhekk kliem l-appellat ftit setgħu kkaġunaw ħsara serja. Dan il-punt hija terġa' tittrattah aktar fil-fond iktar 'il quddiem fis-sentenza appellata, b'riferiment għal dak li kien jirriżulta mill-provi dwar it-terminazzjoni tal-kuntratt tas-soċjetà appellanta.

21. L-Ewwel Qorti għarfet li Raphael Carabott, id-direttur tas-soċjetà appellanta, u l-appellat, ma kellhomx relazzjoni professjonali tajba bejniethom. Għarfet ukoll li mill-korrispondenza elettronika esebita mis-soċjetà appellanta, kien intwera li s-Sindku kien sostna li din kellha kunflitt ta' interess għaliex taħdem ma' kuntratturi oħra li kellhom x'jaqsmu mal-Kunsilli Lokali f'Malta, u meta s-Sindku kien jilmenta ma' Raphael Carabott dwar l-inċidenti li kienu jinqalgħu mal-ħaddiema tal-kuntrattur Waste Collection Limited, Carabott kien jitfa' t-tort fuq l-appellat, li bħala *foreman* ma kienx qed jagħmel xogħlu sew.

22. Dwar l-element tal-malizzja, l-Ewwel Qorti ammettiet li s-soċjetà appellanta tassew ma kellhiex is-setgħa li tnaqqas il-pagi tal-kenniesa, iżda dan l-aspett waħdu ma kienx biżżejjed sabiex jiġi stabbilit l-element tal-malizzja. L-Ewwel Qorti ġustament waslet għall-konklużjoni li ma kienx ġie ppruvat li l-istqarrijiet li għamel l-appellat waqt il-laqgħa kienu foloz, wisq inqas li dawn kienu riżultat ta' ingann u *malafede* min-naħa tiegħu. Hawnhekk l-Ewwel Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-probabilità li l-allegazzjonijiet kienu riżultat tat-tensjoni li nħolqot meta l-operat tal-kenniesa beda jiġi ssorveljat mis-soċjetà appellanta minflok l-appellat. L-Ewwel Qorti kkunsidrat korrettement li ġaladarba ma kienitx tirriżulta l-inġurja, il-malizzja u anki l-ħsara lir-reputazzjoni tas-soċjetà appellanta, hija setgħet tieqaf hemm.

23. Il-Qorti tikkondividi b'mod sħiħ ir-raġunament tal-Ewwel Qorti, li daħlet sew fil-kwistjoni bejn il-partijiet, billi għarblet bir-reqqa l-provi miġjuba quddiemha, u kkunsidrat kull aspett tagħhom fid-dawl ta' dak li titlob il-liġi sabiex tirnexxi azzjoni ta' malafama. Filwaqt li tagħmel tagħha l-konklużjonijiet tal-Ewwel Qorti, tgħid li hija m'għandha xejn aktar x'iżżid mas-sentenza tassew mirquma tal-Ewwel Qorti.

24. Għaldaqstant il-Qorti ma ssibx l-aggravji tas-soċjetà appellanta ġustifikati, u tiċħadhom.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar l-appell tas-soċjetà appellanta, billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti għandhom jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li l-ispejjeż tal-proċeduri odjerni għandhom ikunu a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**